MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 676/1999/1

**People Enterprises Limited.**

**-vs-**

**Paul Cocks, Jason Briffa, Allan Lia u b’ digriet tal-5 ta’ Marzu, 2002 gie msejjah fil-kawza Gordon Debono.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-22 ta’ Marzu, 1999 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi permezz ta’ reklam illi gie ppubblikat fis-sitt pagna tal-gurnal “The Times” tal-harga ta’ nhar l-Erbgha, 6 ta’

Jannar, 1999 (vera kopja qed tigi hawn annessa bhala Dok. ‘A’) il-
konvenuti taw malafama lis-socjeta’ attrici u saru insinwazzjoni – socjeta’ attrici u / jew biex jesponuha ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u / jew biex jaghmlu hsara lin-negozju u l-attivita’ kummercjali tas-socjeta’ attrici a tenur tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi bhala l-parti offiza s-socjeta’ attrici ghandha d-dritt ghad-danni hekk kif kontemplat mil-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi l-konvenuti Paul Cocks, Jason Briffa u Alla Lia huma diretturi tas-socjeta’ konvenuta Time Publications Limited.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi r-reklam illi gie ppubblikat fis-sitt pagna tal-gurnal “The Times” tal-harga ta’ nhar l-Erbgha, 6 ta’ Jannar, 1999 huwa malafamanti fil-konfront tas-socjeta’ attrici.

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ghandhom ihallsu lis-socjeta’ attrici somma ta’ flus in linea ta’ danni skond il-provvedimenti tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici.

4. Tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom biex ihallsu lis-socjeta’ atrici dik is-somma kif likwidata in linea ta’ danni.

5. Taghti kull rimedju iehor opportun skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Michael Falzon I.D. 680745(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fid-9 ta’ Frar 2001 li permezz taghha l-konvenut Allan Lia eccepixxa:

1. Illi preliminarjament qieghed jigi eccepit illi l-konvenut Allan Lia la kien u lanqas huwa direttur tas-socjeta’ Time Publications Limited u lanqas kellu xi konnessjoni mall-istess socjeta’ u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut ma inkariga lil hadd sabiex jaghmel ir-reklam oggett ta’ dina l-kawza u dan ghaliex huwa kien semplici impjegat mad-ditta Time Publications li l-persuna responsabbli kien certu Gordon Debono bil-karta tal-identita numru 234574(M) li ghandu jigi kjamat in kawza sabiex jirrispondi ghall-pretenzjonijiet kollha li qeghdin jigu vantati mis-socjeta’ attrici.

3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga’ inghad l-konvenut Allan Lia ma jafx li sar dan ir-reklam u dan ghaliex huwa ma ghandu ebda interess li jaghmel xi malafama lis-socjeta’ attrici.

4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghal dak li diga’ inghad l-konvenut Allan Lia ma jafx li sar dan ir-reklam u dan ghaliex huwa ma ghandu ebda interess li jaghmel xi malafama u danni li giet kawzata lilha.

5. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti l-ohra u l-kjamat fil-kawza ma ppresentawx nota tal-eccezzjonijiet ghalkemm debitament notifikati u ghalhekk baqghu kontumaci skond il-Ligi.

Rat il-provi processwali u l-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha l-attur u l-konvenut Lia qablu illi s-socjeta' attrici ma ghandhiex pretensjonijet fil-konfront tieghu u li l-ispejjes bejniethom jibqghu bla taxxa;

Rat il-verbal tal-istess seduta illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi s-socjeta' attrici qed titlob dikjarazzjoni illi r-reklam esebit a Fol 5 tal-process huwa libelluz fil-konfront taghha u li jigu akkordati danni skond il-Ligi tal-istampa.

Ir-reklam in kwistjoni jaghi l-impressjoni li r-rubrika publikata mill-konvenuti kienet tippremigga fil-kamp taghha fil-waqt li ohrajn jaghmlu bhala. Fil-fatt dan jghid; *We lead … other People try to follow. We really offer MORE.*

Ix-xhud George Papagiorcopulo a Fol 24 *et sequitur* tal-process jispjega kif apparti huma hassewhom malafamati bl-uzu tal-kelma *People* specjalment bil-mod kif giet stampata, huma kienu qed johorgu ukoll rubrika bl-isem ta' *More Magazine* – allura r-riferenza ghall-kelma More bil-mod li giet stampata ukoll hija riferenza cara ghar-rubrika imsemmija.

Il-Qorti taqbel ma' dan. Kif sewwa rrimarka x-xhud imsemmi, li hu direttur tas-socjeta' attrici, il-kliem imsemmija gew stampati b'tipi ikbar u allura r-riferenza hija cara. L-implikazzjoni hija li d-ditta reklamata kienet tigi kkupjata mis-socjeta' attrici.

Rigward min kien responsabbli ghar-reklam, il-konvenut Lia iddikjara li kien il-kjamat fil-kawza Debono li kien inkarigat mir-reklam. Anke d-dokument a Fol 33 tal-process li jidher li gie ffirmat mill-istess Debono jikkonferma dan. Skond Lia, Debono kien direttur tas-socjeta’ Time Publications Limited li ghaliha sar ir-reklam. Mill-banda l-ohra ma ngabet ebda prova fir-rigward tal-konvenut Cocks.

Bhala danni skond l-Att dwar l-istampa il-Qorti thoss li ammont ta’ erbgha mitt lira Maltin (Lm400) hu wiehed gust.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti fil-waqt li tillibera lill-konvenut Lia mill-osservanza tal-gudizzju ai termini tal-verbal fuq imsemmi u tordna li l-ispejjes fil-konfront tieghu ikunu bla taxxa, tichad it-talbiet attrici fir-rigward tal-konvenut Cocks u tilqaghha fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Gordon Debono u tikkundannah ihallas is-somma ta’ erbgha mitt lira Maltin (Lm400) lis-socjeta’ attrici. L-ispejjes barra dak li gia’ inghad, jithallsu mill-kjamat in kawza Debono.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------